**TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR**

**CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL**

**MALTA**

CCT/45/21/S

Malcolm Zarb

vs

Pool & Spa Supplies Ltd

Illum 22 ta' Settembru, 2026.

It-Tribunal,

Ra t-Talba ta' Malcolm Zarb ppreżentata fil-11 ta' Marzu, 2021 u r-risposta magħmula minn Olvin Mangion eżerċenti l-kummerċ bħala Pool & Spa Supplies Ltd. ippreżentata fl-20 ta' Novembru, 2021;

Ra illi isem l-intimat ġie mibdul għal Pool & Spa Supplies Ltd, sema' lill-partijiet, u x-xhieda tagħhom u ra d-dokumentazzjoni ppreżentata miż-żewġ partijiet, kif ukoll sema' t-trattazzjoni magħmula waqt is-seduta tal-25 ta' April 2024;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ilment fuq xogħol gewwa *gutter* ta' *pool* illi skond ir-rikorrenti baqa' jagħmel l-ilma wara illi s-soċjeta' intimata kienet għamlet xi xogħol fuqu;

Illi min-naħa tagħha s-soċjeta' intimata irribattiet illi x-xogħol li kienet imqabbda mir-rikorrenti kien jirrigwarda xogħol fil-*pool* pero' ma jirrigwardax il-*gutter* u fil-fatt is-soċjeta' intimata ikkonfermat illi x-xogħol fil-*gutter* ma jinkwadrax fl-inkarigu lilha mogħti mir-rikorrenti u li l-*gutter* kien mibni minn terzi;

Illi t-Tribunal jagħmel riferenza għal dak li jipprovdi l-Artiklu 562 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u ċioe' l-massima li min jallega jrid jipprova u għalhekk hawnhekk jinkombi fuq ir-rikorrenti Malcolm Zarb li jipprova dak illi qiegħed jallega u ċioe' illi x-xogħol fil-*gutter* sar mis-soċjeta' intimata Pool & Spa Supplies Ltd. u ma sarx skond is-sengħa u l-arti, tant illi skond l-istess rikorrenti dan baqa' jagħmel l-ilma;

Illi dan it-Tribunal jagħmel referenza wkoll għad-deċiżjoni tal-Appell tal-Qorti Inferjuri fl-ismijiet "**Millers Distributors Ltd. vs Multi Toys Ltd**". deċiża fis-16 ta' Diċembru 2002 fejn ingħad hekk "*dejjem pero' jinkombi fuq min jallega l-eżistenza tal-kreditu illi dan ikun fl-ewwel lok ipprovat a piena sodisfazion u b'mod univoku u konvinċenti …*".

Illi dan it-Tribunal isostni wkoll kif ġja għamel f'diversi deċiżjonijiet ta' l-istess Tribunal illi għandha tinġieb l-aħjar prova quddiem dan it-Tribunal biex wieħed jiprova dwar dak li wieħed ikun qed jallega u għalhekk tkun tista' tiġi milqugħa t-talba tiegħu u dan a bażi tal-Artiklu 559 tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi ssir referenza wkoll minn dan it-Tribunal għas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Sede Superjuri mogħtija fis-26 t'Ottubru 2022 fl-ismijiet "**Marianne Fenech Adami *et* vs Anna Gatt *et***" fejn il-Qorti sostniet is-segwenti "*huwa ta' bilħaqq obbligu li min iressaq kawża quddiem il-Qorti li jressaq id-dokumenti kollha relevanti għall-każ tiegħu ara: Middle Sea Insurance plc vs Spot On Gypsum Ltd. deċiza mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Jannar 2021. Minn barra dan l-Artiklu 559 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li quddiem il-Qorti għandha dejjem tinġieb l-aħjar prova, f'dan is-sens mhuwiex dmir tal-Qorti li tistaqsi hija lill-parti attriċi biex tressqilha l-aħjar prova u lanqas m'hija xogħlha li fejn il-provi mressqa ma jkunux tajbin tipprova tfittex hi minn rajja ħwejjeġ li l-parti innifisha tkun naqset li tressaq quddiemha, ara "**Nicola Ciantar & Sons Ltd. vs General Provisions Co. Ltd**". deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fit-30 t'April 2009 u "**Kristinu Grech vs Anthony Bartolo**" deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' Mejju 1998*";

Illi r-rikorrenti talab is-somma ta' €1,000 u l-istess rikorrenti allega illi kien sar ftehim illi l-*gutter* kellu jitkaħħal;

Illi mill-provi ppreżentati quddiem dan it-Tribunal ma jirriżultax illi s-soċjeta' intimata ġiet inkarigata tagħmel dan ix-xogħol fil-*gutter* u la ġiet ippreżentata xi dokumentazzjoni bħal *invoice* jew *quote* illi titkellem ċar u tond b'mod dirett dwar ix-xogħol li s-soċjeta' intimata kellha tagħmel fil-*gutter*;

Decide

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati, u fiċ-ċirkustanzi tal-każ u wara li ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, t-Tribunal

qiegħed Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jiċħad it-talba ta' Malcolm Zarb u Jilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà Pool & Spa Supplies Ltd, b'dan illi kull parti għandha tħallas l-ispejjeż tagħha ta' dawn il-proċeduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru